FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR 15 T'OTTUBRU 2001

PULIZIJA
SPETTUR SIMON GALEA
VS
CHRISTOPHER ZARB

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Zarb ta' 23 sena, imwieled Pieta, fl-4 ta' Novembru 1977, bin Peter u Alfreda xebba Calleja, joqghod Flat 5, Sharon Court, Triq l-Iskuna, San Pawl il-Bahar u bin-numru tal-karta tal-identita 575277M talli f'dawn il-gzejjer bejn id-29 ta' Ottubru 1999 u l-20 ta' Settembru 2000 b'diversi azzjonijiet mahmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda bhala detentur tal-fond Alfred Farm, Sqa Konstinjuz Naxxaw jew bhala persuna illi kellu f'idejh l-imsemmi fond b'mezzi qarrieqa ikkommetta serq ta' kurrent elettriku minn arlogg tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond liema serq jammonta ghal Lm269.10c ghad-dannu tac-Chairman tal-Enemalta Corporation liema serq hu aggravat bil-hin, valur u mezz.

Talli fl-istess zmien ghamel hsara volontarja fil-makkinarju jew gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta''kurrent elettriku.

Talli fl-istess zmien ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-15 t'Ottubru 2001 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 267, 270, 278, 279, 280 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.